31970R0537

L 67/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 24.3.1970

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISJONI (KEE) Nru 537/70

tat-23 ta' Marzu 1970

li jawtorizza lill-Istati Membri li jieħdu miżuri li jidderogaw minn ċerti ħtiġiet dwar l-*istandards* tal-kwalità applikabbli fir-rigward ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi ta' basal tal-fjuri, għeruq u tuberi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/68 ([1]) tas-27 ta' Frar 1968, dwar l-istabbeliment ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq f'siġar ħajjin u pjanti oħrajn, basal ta' fjuri, egħruq u xorti oħra bħalhom, fjuri maqtugħin u weraq ornamentali;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/68 ([2]) tat-12 ta' Marzu 1968 li jiffissa standards ta' kwalitĊ għal-basal ta' fjuri, l-għeruq u t-tuberi, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 448/69 ([3]) u partikolarment l-Artikolu 2(2) tiegħu;

Billi permezz ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 315/68, l-Istati Membri jistgħu jkunu awtorizzati li jieħdu miżuri jidderogaw minn ċerti ħtiġiet ta' l-istandards tal-kwalità sabiex jippermetu lill-esportaturi li jilħqu l-ħtiġiet tal-kummerċ ta' ċerti pajjiżi terzi;

Billi l-istandards tal-kwalità stabbiliti bir-Regolament (KEE) Nru 315/68 f'ċerti każi ma jippermetux li l-ħtiġiet tal-kummerċ ta' pajjiżi terzi jkunu milħuqha; billi, meta dawn il-ħtiġiet ta' kummerċ ikunu stabbli u ma jinbidlux, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jilħquhom għal-perjodu mingħajr limitu;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma skond l-Opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal Pjanti Ħajjin,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jieħdu ċerti miżuri li jidderogaw mill-istandards tal-kwalità applikabli għal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi ta' basal ta' fjuri, għeruq u tuberi:

Fresja Ragioneri

Fresja Refracta Alba

Fresja Buttercup

Gladjoli, bi blanzuni kbar

Gladjoli primulinus

Gladjoli Heraut

Gladoli Papillon

Iris "Wedgwood"

Iris reticulata

Tulipani

Tulipani "Cordell Hull"

Tulipani "American Flag"

Tulipani "Montgomery".

2. Il-miżuri ta' deroga msemmijin fil-paragrafu 1 jistgħu jittieħdu biss fir-rigward ta' daqsijiet u permezz tal-kondizzjonijiet u fil-limiti speċifikati fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 1970

([1]) ĠU L 55, 2.3.1968, p. 1.
([2]) ĠU L 71, 21.3.1969, p. 1.
([3]) ĠU L 61, 12.3.1969, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Marzu 1970.

Għall-Kummisjoni
Il-President
Jean REY

ANNESS

Kondizzjonijiet u limiti li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 1(2)

Deskrizzjoni tal-prodotti	It-tip tal-pakkett	Pajjiż terz tad-destinazzjoni	Daqs massimu	Daqs tal-iggradar
Fresja Ragioneri Fresja Refracta Alba Fresja Buttercup	Kwalunkwe tip tal-ippakkjar apparti milli l-ippakkjar f'pakketti singoli li jiġbru flimkien pakketti singoli	il-pajjiżi kollha	xejn	sa 4
Gladjoli, bi blanzuni kbar	pakketti singoli jew gruppi ta' pakketti singoli	il-pajjiżi kollha	6 cm	6 sa 8
Gladjoin primulus Gladjoli Heraut				6 sa 7
Gladjoli, bi blanzuni kbar Gladjoin primulus Gladjoli Heraut	Kwalunkwe tip tal-ippakkjar apparti milli l-ippakkjar f'pakketti singoli li jiġbru flimkien pakketti singoli	il-pajjiżi kollha	xejn	sa 8 sa 7
Gladjoli Papillon	kull tip tal-ippakkjar	il-pajjiżi kollha	xejn	
Iris "Wedgwood"	kull tip tal-ippakkjar	l-emisfera ta' nofs-in-nhar	7 cm	7 sa 8
Iris reticulata	kull tip tal-ippakkjar	il-pajjiżi kollha	4.5 cm	4.5 sa 5
Tulipani Tulipani "Cordell Hull" Tulipani "American Flag" Tulipani "Montgomery"	kull tip tal-ippakkjar	il-pajjiżi kollha	Għarbiel 10	10 sa 11